# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 1141/97
Angelo Cini
vs
Kap Kmandant Forzi Armati ta' Malta u s-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru

Illum 9 ta’ Novembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u nfatti tul il-perijodu kollu hawn imsemmi ir-rikorrentt f'kull okkazzjoni li nghataw il-promozzjonijiet gie michud minn promozzjoni minghajr l-ebda gustifikazzjoni kwalsiasi.

Illi l-fatti tal-kaz huma l-qosor kif gej:-

1. Ir-rikorrent huwa suldat fil-Forzi Armati, "Gunner" bin-numru 6199 bi Class III Education u Trade Bill seaman (deckhand). Ghandu servizz ta' wiehed u ghoxrin sena u fost hwejjeg ohra gie anke presentat bil-"Good Conduct and Long Service Medal". Bla ebda raguni valida, fil-waqt illi ghaxar snin ilu kellu jilhaq il-grad ta' Lance Bumbardier u tliet snin ilu l-grad ta' Bumbardier, ir-

rikorrent dejjem gie maqbuz fl-ghoti tal-promozzjonijiet. Intant mhux biss gew promossi dawk kollha "b'seniority" ekwivalenti ghal tieghu izda wkoll persuni "b'seniority" inferjuri ghal tieghu. U dan oltre l-abilita' u l-kwalifiki relattivi li fil-kaz tar-rikorrent gew imwarrba.

2. Ir-rikorrent hawnhekk irrileva illi l-kriterju ta' "seniority" jigi applikat rigorozament fl-ghoti ta' promozzjonijiet, skond il-proceduri normalment applikabbli.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li juri ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi skond il-proceduri applikabbli r-rikorrent jigi promoss ghall-grad li gustament messu qed jokkupa llum u li inoltre ghandu jitqies li tali promozzjoni ssehh b'effett minn dik id-data li tigi fissata mit-Tribunal jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens xieraq lilu mhux eccedenti l-hamest elef liri Maltin kif joghgbu jistabilixxi fic-cirkostanzi kollha dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta li eccepixxa :-

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment imressaq mir-rikorrent.

Illi l-ilment qieghed jigi mwiegeb mill-Kmandat tal-Forzi Armati ta' Malta billi huwa l-Kap tad-Dipartiment koncernat.

Illi l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx a bazi ta' anzjanita` biss, izda primarjament a bazi ta' efficjenza kif ukoll ta' kwalifiki u ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe` l-A.L. 91 ta' l-1970.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet ma jinghatawx a bazi ta' anzjanita` u kwalifiki biss, dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi, dan it-Tribunal ghandu  jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Fis-17 ta’ Novembru, 2000 ir-rikorrent ipprezenta nota ta’ cessjoni tar-rikors fil-konfront tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru.

Illi r-rikorrent prezenta affidavit fejn semma li jahdem fuq il-Patrol Boats jew fejn ikollu bzonni s-servizz u ghandu Trade BIII seaman. Dejjem ghamel dmiru mill-ahjar li setghu, u meqjus bhala bniedem ta' karattru u natural kwiet kif konfermat minn rapporti li saru dwaru. Fl-1 ta' Novembru 1992, kien regalat bi ktieb ta' xoghol siewi li wettaq flimkien ma’ shabu mill-Ministru ta' dak iz-zmien. Fil-31 ta' Marzu 1995, gie onorat bil-Good Conduct & Long Service medal.

Semma li dwar il-promozzjoni, qabzuh juniors tieghu u anke bla III class education, fl-1988,1990 u 1992.

Lt. Col. Mario Schembri pprezenta dokument ta’ promozzjonijiet b’ effett mill-11 ta’ Mejju 1988 li fih jidhru l-promozzjonijiet li saru fit-Task Force minn Gunner ghal Lance Bumbardier. Isem ir-rikorrent jidher fuq nett ta’ pagna tnejn shaded bil-griz biex jidher postu fis-seniority li kieku ha l-promozzjoni dak in-nhar.

It-tieni skeda turi l-promozzjonijiet minn Gunner ghal Lance Bumbardier fl-Ewwel Regiment b' effett mill-1 ta' Ottubru 1990. Isem ir-rikorrent jidher fis-seba' linja shaded bil-griz l-istess bhal qabel biex jidher postu fis-seniority li kieku ha l-promozzjoni dak in-nhar.

It-tielet dokument juru l-promozzjonijiet li saru b' effett mill-20 ta' Jannar 1992 fl-ewwel regiment. Isem ir-rikorrent jidher fl-ewwel pagna shaded bil-griz biex jidher postu fis-seniority mhux ghax ha l-promozzjoni dak in-nhar.

Ipprezenta estratt mill-medical document tar-rikorrent mahrug mit-Tabib Galea l-Principal Medical Officer tal-Forzi Armati. Fih jidher li minn Settembru 1990 r-rikorrent kien ibati b' mod kroniku minn ugiegh fl-ghonq u fid-dahar in-naha ta' isfel. Il-bqija ma kienx hemm problemi ohrajn ta' sahha.

L-ahhar dokument juri s-servizz kif ukoll history ta' meta dahal, xi kwalifiki ghandu u anke x' midalji ha r-rikorrent b' mod kronologiku.

Mistoqsi dwar il-promozzjonijiet tal-1988 jekk kienx hemm raguni specjali ghaliex ir-rikorrent ma hax il-promozzjoni irrisponda li ma jidher li hemm ebda raguni valida mid-dokumenti esebiti u anke mill-personal file ta' l-individwu. Jidher li fit-tliet promozzjonijiet Cini gie maqbuz kemm-il darba minn diversi nies, kemm dawk li kellhom kwalifiki bhalu u ohrajn anke anqas minnu. Ma setax jghid jekk kienx hemm rakkomandazzjonijiet ghax ma sab xejn bil-miktub la favur u

anqas kontra rigward rakkomandazzjonijiet. Rigward kondotta ta' l-individwu hija tajba, ghadha tajba sal-lum.

Ikkunsidra

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Meta wiehed jezamina id-dokument a fol 17 – 19 jara li bhala Seniority ir-rikorrent kien qabel 30 persuna li qabzuh fil-promozzjonijiet tal-1988. L-Education Class tieghu kien 3 u hadd minn dawk li qabzuh ma kellu aktar. Infatti jew kellhom Class 3 ukoll jew Nil bhal fil-kaz ta' 9 ohra. Ta' min isemmi li ma jirrizultax li r-rikorrent kellu l-Cadre Course waqt li 26 minn dawk li qabzuh kellhom dan il-Course. Bhala Trades jidher li r-rikorrent kien kwalifikat ukoll. Dan iwassal li jekk ma hemmx xi

haga specifikament hazina ma kienx sewwa li r-rikorrent jinqabez fil-promozzjoni. L-unika haga li ssemmiet negattiva fil-konfront tar-rikorrent kien l-ugigh f'ghonqu u dahru. Izda dawn lanqas biss ma kienu jezistu fl-1988 u ghalhekk ma kienx hemm raguni valida biex ma jiehux il-promozzjoni. Lanqas ma jidher illi r-rikorrent ma jkunx jista' jaqdi d-doveri tieghu fl-istat li hu llum.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Peress li l-ilment jidher gustifikat it-Tribunal jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju billi jigi moghti l-promozzjoni b'effett mil- 11 ta' Mejju, 1988 u li jitpogga fuq il-lista ta' anzjanita f'dik id-data, kif ukoll li jithallas l-arretrati ta' flus anqas li dahhal.

Spejjez kontra l-intimat.